**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister-at-Law (England & Wales)**

**Illum it-12 ta' Dicembru 2023**

**Kump Numru: 589/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Farr)**

**Vs.**

**Francois Cumbo**

Il-Qorti rat li tressaq taht arrest lil:

Francois Cumbo ta' 42 sena, iben Emanuel u Rita Cumbo nee' Zerafa, imwieled Pieta nhar 1-24 ta' Awwissu 1980, resident gewwa 35, Madonnina, Triq Napuljun, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita 393280M.

U Nakkuzak taili Fl-4 t' Ottubru 2022 ghal-habta ta' Sitta u nofs nieqsin hamsa ta' wara nofsinhar (18:25hrs) u fil-hin ta' qabel P dawn il-Gzejjer Maltin, gewwa Parkegg fi Triq Villabate, Zabbar u/jew fil-vicinanzi:

1 . Ikkommettejt serq ta' Ipad, Laptop tal-marka Lenovo, Ear buds tal-marka Bose kif ukoll diversi accessorji ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tarregistrazzjoni IBR-617 liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu €2,329,37), bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-mezz u dan kollu sar ghad-dannu ta' Tenille Hales u/jew persuni jew entitaj iet ohra;

2. Nakkuzak aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liem hsara ma' tiskorrix lmitejn u hamsin euro (250 euro) u cioe' hgiega tal-vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tar-resigtrazzjoni IBR617 ghad-dannu ta' Tenille Hales u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta lil Francois Cumbo bhala persuna recediva meta gie ssentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f’kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lil-hati ghallhlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proéeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2023, wara li sar l-ezami ta' l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih.[1]

Rat li l-Avukat Generali nhar il-15 ta' Mejju 2023 bat l-artikoli ghal-guddizju sabiex l-imputat jigi misjub hati skont l-artikoli minghuta minnu.[2]

Rat li wara l-Qorti qrat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u saqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, u wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jekk irrid jikkonferixxi ma l-avukat difensur rispettiv tieghu, huwa stqarr individwalment u separatament li ma ghanadux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u ghaldaqstant ikkonfertit ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat li waqt is-seduta tas-19 ta' Gunju 2023, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncieditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[4]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

[1] Folio 33 ta' l-atti processwali
[2] Folio 193 ta' l-atti processwali
[3] Folio 194 ta' l-atti processwali
[4] Folio 201 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' serq li sehh ghad-detriment ta' certu Tenille Hales li huwa aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-mezz kif ukoll gie ikkagunat hsara lill-vettura ta' l-istess persuna.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija refrattarja li fiha jinsab registrati sentenzi ta' l-istess generu u bl-istess modus operandi.[5] Illi jidher li l-imputat inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati tul dawn l-ahhar tlettax il-sena sabiex jirriforma ruhu. Madankollu jidher li qatt ma ha bis-serjerta ebda mill-pieni imposti fuqu minkejja li kienu anke jinvolu l-inkarcerazzjoni u baqa' fit-triq ta' kriminalita bil-konsegwenza li mieghu batew diversi vittmi frott tal-imgieba tieghu.

[5] Dok DF3, Folio 8-19 ta' l-atti processwali

- L-oggetti misruqa u r-rikavat kif ukoll kumpens ghal-hsara qatt ma saru mill-imputat lill-vittma. Illi certament illi dan halaq inkonvejent kbira ghall-vittma anke in vista tal-fatt li fost l-affarijiet misruqa kien hemm laptop ghax-xoghol u per konsegwenza l-vittma soffriet ukoll fl-apsetti personali u professjonali taghha.

-L-imputat ma irregistrax ammisssjoni fl-iktar stadju bikri izda biss wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha u kienet stadju ta' provi tad-difiza.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[6], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[7], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[8] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[9]

- Ghaldaqstant jirrizulta li sar hafna xoghol li kien jirrikjedi xoghol u spejjez ghal Qorti. Ghaldaqstant filwaqt li ma jistax jigi ikkunsidrat li l-ammissjoni saret fi stadju bikri ser ikun ikkunsidrat li l-ammissjoni saret fi stadju avvanzat izda qabel it-tmiem tal-kawza u qabel il-Qorti kellha tibda tevalwa l-provi ghas-sentenza finali.

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-*Social Inquiry Report*[10] li sar mill-ufficjal tal-Probation u gie ikkonfermat bil-gurament fix-xhieda taghha. Illi jirrizulta li l-imputat ghandu passat twila ta' abbuz ta' droga u li kull darba li johrog fil-komunita' jaqa ghall-kriminalita sabiex ifendi l-vizzju li ghandu.

[6] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[7] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[8] Thomson Reuteurs, S-29
[9] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[10] Dok CB1, Folio 214-248 ta' l-atti processwali

- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn u f'kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-valur, xorta tal-haga misruq u mezz u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu kif ukoll ghandha tizdied bi grad skond l-artikoli 278(3) u 280(1)(2) tal-Kodici Kriminali.

- Illi skont l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni mhix ser thalli l-frott mistenni ghaliex l-imputat wera kemm il-darba tul is-snin li mhux sejjer jirriforma ruhu jew jikkonformi mal-ligi u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghall-piena ta' inkarcerazzjoni.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(1), 289, 325(1)(c), 383, 384, 385, 386, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill Francois Cumbo fuq ammissjoni tieghu stess **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena karcerarja ta' erbghin (40) xahar habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lil Tenille Hayes is-somma kumplessiva ta' tlett elef, seba' mija u tlieta u ghoxrin euro u erba' u erbghin centezmi (**€3723.44c**) rapprezentanti kumpens tal-hsara li kkagunalha tas-serq[11] fi zmien sena (1) wahda millum wara li jkun skontat il-piena ta' inkarcerazzjoni. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas mill-imputat, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-artikolu 15A.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

[11] Folio 29-32 u 42 ta' l-atti processwali

Komunika: Direttur Probation u Parole

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Francois Cumbo ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco fis-somma komplessiva ta' sitt mija u erba' u disghin Ewro u zewg centezmi **(€694.02).**[12]

Komunika: Registratur tal-Qorti

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum it-12 ta' Dicembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[12] Dok SFS1, Folio 108-174 ta' l-atti processwali